**QORTI ĊIVILI - PRIM’AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 9 ta’ Marzu 2023**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1069/2022 JVC**

**David Micallef St. John (K.I. Numru 0012571M) u Alison Schembri (K.I. Numru 0233580M) għan-nom u in rappreżentanza ta’ binthom Emma Micallef**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent David Micallef St. John et talbu kif isegwi:

'Illi l-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru 2519/2011 jindika li r-rikorrenti huma l-ġenituri tal-minuri Emma Micallef u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'A';

Illi minkejja l-isem u kunjom imnizzla fl-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru 2519/2011 il-minorenni minn dejjem kienet maghrufa bhala Emma Micallef St John u dan mhux biss fost il-familja, fost il-hbieb u l-konoxxenzi taghha izda ukoll minn istituzzjonijiet ufficjali;

Illi di piu, l-isem ta' 'Emma Micallef St. John' huwa l-isem li l-istess rikorrenti kif ukoll il-minorenni tuza ghaliha u li jigi uzat ghaliha fil-hajja ta' kuljum mill-familja, hbieb u konoxxenzi taghha kif ukoll minn min hi kienet jew ghada tinteragixxi fil-hajja ta' kuljum bhal skejjel, entitajiet ta' tahrig u tobba;

Illi kemm in-nannu patern u missier il-minorenni kienu mhux biss maghrufa bhala 'Micallef St. John' izda kienu rregistraw kunjomhom ufficjalment bhala 'Micallef St. John', u ghaldaqstant dan il-kunjom huwa parti mill-identita' familjali tal-minorenni;

Illi l-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru hamsa tmienja disgha erbgha (5894) jindika li n-nannu patern tal-minuri Emma Micallef  huwa Carmel

Micallef St. John u li isem l-imsemmi nannu patern ilu rregistrat ufficjalment minn nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala **Dok. 'B'**;

Illi, inoltre, l-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, li jgib in-numru wiehed tnejn hamsa (125) jindika li missier il-minuri Emma Micallef huwa David Micallef St. John u li isem l-imsemmi missier ilu rregistrat ufficjalment minn nhar il-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala **Dok. 'C'**;

Illi r-rikorrenti ser tezebixxi ghadd ta' dokumenti li juru li hi minn dejjem kienet u ghada konsistentement tissejjah bl-isem ta' 'Emma Micallef St. John', u dan kif ukoll ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi tali inkonsistenza qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedurali ghar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni tal-Att tat-Twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura 'Micallef' taht il-parti 'Kunjom' titnizzel l-intestatura 'Micallef St. John';

Illi din il-kawza qed issir a bazi tal-Artikolu 253(2) u 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u hija maghrufa bil-kunjom 'Micallef St John';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet necessarji fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 2519 tas-sena 2011 sabiex fil-kolonna ntestata isem u kunjom tal-missier u jek hux haj jew mejjet, il-kunjom ta' 'Micallef' jigi kkancellat u sostitwit b' 'Micallef St John' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tar- rikorrenti;

3. Tordna li ssir korrezzjoni fil-kunjom il-missier u cioe' David Micallef u jigi ndikat bhala David Micallef St John hekk kif jidher fic-certifikat tat-twelid tal-istess;

4. Tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti a

tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li d-Direttur intimat jaghmel il-modifiki opprtuni.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, jibda billi jingħad li jidher li r-rikorrenti mhux qed jaġixxu esklussivament f'isimhom proprju, stante li uħud mit-talbiet f'dawn il-proċeduri qed jinġiebu bil-għan li jsir tibdil f'atti tal-istat ċivili li jappartjenu lill-minuri Emma, u għalhekk fil-fehma tal-esponent għandha ssir id-debita korrezzjoni sia fl-okkju kif ukoll fl-intestatura tal-kawża istanti sabiex dan il-fatt jiġi rifless, u b'hekk il-ġudizzju jkun wieħed integru;

2. Illi preliminarjament ukoll, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi skont l-Att tat-Twelid innumerat **2519/2011,** Emma Micallef twieldet f'Malta fil-15 ta' Ġunju 2011, lil David Micallef u lil Alison Schembri, barra ż-żwieġ. Tali dettalji ġew iddikjarati miż-żewġ ġenituri u għalhekk ma sar ebda żball meta ġie rreġistrat l-Att tat-Twelid tal-minuri Emma. Madanakollu, mill-informazzjoni li għandu l-esponent, u kif tixhed ukoll l-annotazzjoni li tinsab fuq l-istess Att tat-Twelid li ġie ppreżentat mir-rikorrenti u mmarkat 'Dok. A', jidher illi kunjom il-missier gie mibdul ghal 'Micallef St John' nhar il-5 ta' Lulju 2019, wara li huwa ssottometta l-Formula U *ai termini* tal-Artikolu 4(7) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, in vigore fl-2019;

5. Illi għal xi raġuni, minkejja li t-tfal l-oħrajn tar-rikorrent David Micallef St John ilkoll issottomettew il-Formula U tramite ż-żewġ ġenituri tagħhom sabiex huma wkoll jieħdu l-kunjom li ħa missierhom 'Micallef St John', fir-rigward tal-minuri Emma tali sottomissjoni ma saritx, u

għalhekk hija baqgħet irreġistrata bil-kunjom 'Micallef'. Il-Formula U kienet dipendenti fuq is-sottomissjoni tal-Formula T minn missier ir-rikorrent David, u setgħet tiġi sottomessa biss fi żmien sena mid-data tas-sottomissjoni tal-Formula T, u għalhekk issa tali Formula ma tistax tintuża għan-nom tal-minuri Emma Micallef, billi n-nannu patern tal-minuri kien issottometta l-Formula T fit-3 ta' Lulju 2019;

6. Illi r-rikorrenti jisħqu illi l-minuri Emma minn dejjem kienet magħrufa bil-kunjom 'Micallef St John' u mhux bil-kunjom 'Micallef', u għalhekk intavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jitolbu li jinbidel kunjom l-istess minuri;

7. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn, u għalhekk fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa ser ikun qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' illi jiġu ssorvolati l-eċċezzjonijiet li jsegwu u li l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Illi strettament bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrileva illi fir-rigward tal-ewwel talba, għandu jiġi speċifikat l-isem tal-persuna li allegatament dejjem kienet magħrufa bil-kunjom 'Micallef St John';

9. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, għandha tintalab korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi ma teżisti ebda kolonna fl-att tat-twelid ntestata kunjom, u għalhekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, it-tibdil rikjest għandu jsir fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom'. Għal kull buon fini qed jingħad ukoll li l-esponent huwa responsabbli biss għall-atti tal-istat ċivili, u li għalhekk huwa ma jistax jintalab iwettaq tibdil f'dokumenti tal-identità li la huma fil-poter u lanqas huma fil-pussess tiegħu;

10. Illi fl-umli fehma tal-esponent, it-tielet talba attriċi għandha tiġi rtirata, u dan għaliex kif diġa' ġie spjegat, kunjom ir-rikorrent David fuq l-att tat-twelid tal-minuri Emma diġa' ġie mibdul, kif tixhed l-annotazzjoni fuq l-att tat-twelid innumerat 2519/2011, kopja ta' liema ġiet

annessa mir-rikorrenti mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok. A';

11. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, jingħad illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir **f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna**, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, l-esponent jistieden lir-rikorrenti sabiex jindikaw permezz ta' nota liema huma dawk l-atti tal-istat ċivili li fihom qegħdin jintalbu korrezzjonijiet, u fl-istess waqt l-esponent jikkjarifika illi korrezzjonijiet minnu jistgħu isiru biss f'dawk l-atti tal-istat ċivili li jinsabu fil-poter tiegħu;

12. Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u li għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 26 tal-proċess.

Rat il-korrezzjonijiet li saru fil-verbal tal-lum stess u li permezz tieghu gew ezawriti numru ta' eccezzonijiet mqajjma mid-Direttur intimat u giet irtirata t-tielet talba fir-rikors guramentat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat li effettivament turi li l-minuri hija magħrufa bil-kunjom 'Micallef St John' u mhux biss bil-kunjom 'Micallef'.

Rat li effettivament missier il-minuri u ċioe' r-rikorrent David Micallef St John gia bidel kunjomu fl-att tat-twelid tiegħu u permezz ta' annotazzjoni fid-dokument a fol. 33 tal-proċes u sar kunjomu 'Micallef St John'.

Illi għalhekk jistħoqq li din il-bidla tkun riflessa wkoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintu l-minuri Emma Micallef b'dana li l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Reġistru Pubbliku sakemm dawn huma nkompattibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti Emma, li hija minuri, hija konsistentement imsejħa u hija magħrufa bil-kunjom 'Micallef St John';

3. Tilqa' t-tieni talba talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid bin-numru 2519 tas-sena 2011 sabiex fil-kolonna ntestata ~~isem u kunjom tal-missier u jekk hux ħaj jew mejjet~~ isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom[1] il-kunjom ta' 'Micallef' jiġi kkanċellat u sostitwit 'Micallef St John' u li din il-korrezzjoni tieħu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-oħra ċivili tal-identita' tar-rikorrenti minuri fil-poter tad-Direttur intimat;

---

[1] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Mejju 2023

4. Tiddikjara t-tielet talba sorvolata stante li giet irtirata llum stess;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Marzu 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Marzu 2023**